MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 15/2003/1

**Maltacom plc u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2007 gie trasfuz f'isem Go plc**

**Vs**

**Joseph Mark Mercieca**

Il-Gimgha, 5 ta' April 2013.

L-attrici qeghda titlob il-hlas ta' tmint elef sitt mija u tnejn u tletin ewro u sebghin centezmu (€8,632.70) ghas-servizz tat-telefon numru 562992 li kien jinsab fil-fond Il Terrazzo Restaurant, Triq San Xmun, Ghawdex.

Il-konvenut wiegeb li:-
1. Il-kont hu ezagerat u rizultat ta' zball tal-attrici.
2. Il-konvenut qatt ma ghamel uzu tat-telefon b'mod li jitla' l-kont pretiz.

B'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012, il-qorti laqghet it-talba limitatament ghas-somma ta' elfejn sitt mija u tlett ewro

(€2,603), bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas.

L-aggravji tal-appellanti huma bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti. Fil-qosor:-

i. Fir-rikors tal-appell l-appellanti ssostni li ressqet il-provi kollha li kellha tipproduci fir-rigward tal-fatt li (i) il-konvenut kien firmatarju tal-ftehim u (ii) It-telefonati saru minn fuq l-istess linja tat-telefon registrata f'isem il-konvenut. L-appellanti ssosnti li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti li t-telefonati saru minn barra l-fond, hi kontradetta mill-provi u f'kull kaz hi allegazzjoni li kellu jaghti prova taghha l-appellat.
ii. L-ewwel qorti ma tat l-ebda piz ghall-fatt li l-appellet kien applika u nghata servizz ta' code controlled barring, intiz sabiex telefonati li jsiru minn fuq dak in-numru jsiru bl-uzu ta' kodici kunfidenzjali. Imbaghad kien hu stess li ftit xhur wara nehha s-servizz. Skond l-appellanti, l-appellat kellu jitlob li jerga' jkollu s-servizz ghad-disposizzjoni tieghu.
iii. Ghalkemm l-ewwel qorti osservat li ma jista jkun hemm l-ebda spjegazzjoni kredibbli ghaliex kien hemm il-htiega li jsiru t-telefonati in kwistjoni ghal hinijiet daqshekk twal f'dawk is-sighat bikrin ta' filghodu u gieli wkoll ftit minuti wara li tkun spiccat it-telefonata ta' qbael, l-appellanti ssostni li mid-dokumentazzjoni kien jirrizulta li matul il-hinijiet tal-gurnata kienu jsiru telefonati fuq numri ohra fl-esteru.
iv. L-appellanti ma tifhimx kif il-qorti qalet li telefonati li saru fuq in-numru 63524875822 ma kellux jaghmel tajjeb ghalihom l-appellat peress li saru f'hinijiet bikrija ta' filghodu, u fl-istess sentenza ezentat lill-appellat milli jhallas ghal telefonati maghmula lill-istess numru f'hinijiet li fih ir-restaurant kien zgur miftuh.

Min-naha tieghu l-appellat isostni li s-sentenza ghandha tigi kkonfermata ghaliex m'hemmx l-elementi mehtiega sabiex il-qorti tiddisturba s-sentenza tal-ewwel qorti peress li:-

i. Semghet ix-xhieda viva voce;

ii. Ghamlet riferenza ghall-principji legali li huma rilevanti;

Fl-istess waqt fit-twegiba oppona ghad-dokumenti li gew esebiti mar-rikors tal-appell, u dwar dan il-qorti tat digriet waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru 2012. L-appellat isostni li huwa qatt ma ghamel telefonati barra minn Malta.

Fil-qosor l-ewwel qorti osservat:-

i. Mir-rendikont tat-telefonati li pprezentat l-appellanti jirrizulta li saru numru ta’ telefonati fuq in-numru 63524875822 li *“hafna minnhom kienu jsiru fis-sighat bikrin ta’ filghodu u ghal hin konsiderevoli, gieli anke kwazi saghtejn shah. Dawn it-telefonati saru kollha bejn l-24 ta’ Marzu 2000 u t-8 ta’ Mejju ta’ l-istess sena.”*.

ii. Li l-appellati jemmen li t-telefonati saru minn xi hadd b’mod klandestin billi dahal fuq il-linja tieghu. Dan peress li l-impjegati tieghu xehedu li sas-siegha ta’ filghodu r-restaurant kien ikun maghluq, u l-appellat kien iwassalhom id-dar wara li jaghlaq ir-restaurant. Fil-fatt gimgha wara li s-servizz tat-telefon dahar f’ismu, kien applika u nghata servizz ta’ *code controlled baring*.

iii. Li temmen lill-appellat li t-telefonati ma sarux minnu jew minn xi impjegat tieghu. *“Ma jista’ jkun hemm ebda spjegazzjoni kredibbli ghaliex kien hemm il-htiega li jsiru dawn it-telefonati kollha ghal hinijiet daqshekk twal f’dawk is-sighat bikrin ta’ filghodu u gieli anke ftit minuti biss wara li tkun spiccat it-telefonata ta’ qabel, bl-ispiza kibira li kull wahda minn dawn it-telefonati kienet qed ittella. Hu evidenti li xi hadd mhux maghruf irnexxielu b’xi mod jew iehor jidhol b’mod klandestin fuq din il-linja minn x’imkien barra r-restaurant fejn kien installat dan is-servizz, biex icempel fl-esteru a skapitu tas-subscriber legittimu”*.

iv. Li m’ghandux isir hlas fir-rigward ta’ telefonati li saru lin-numru 63524875822 fis-sighat bikrin ta’ filghodu. Fis-sentenza l-qorti semmiet id-dati tat-telefonati li m’ghandux ihallas l-appellat u l-ammont li ghandu jitnaqqas mill-hlas pretiz.

Fil-fehma ta' din il-qorti l-oneru tal-prova li l-linja tat-telefon numru 562992 kienet qeghda tintuza minn terzi b'mod illecitu, qieghed fuq l-appellat.

Hu maghruf li qorti tat-tieni istanza m'ghandix tvarja facilment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel qorti, iktar u iktar f'kaz bhal dan fejn ix-xhieda nstemghu *viva voce* mill-qorti. Madankollu wara li din il-qorti rat l-atti, hi tal-fehma li l-ilment tal-appellanti hu gustifikat meta tqies li:-

1. Hemm telefonati ohra li kienu jsiru barra minn Malta f'hinijiet tard matul il-lejl u li l-ewwel qorti ma naqsitx mill-ammont li hu dovut lill-appellanti. Hekk per ezempju[1]:-

3/3/2000 lin-numru 19405490613 fl-3.55 ta' filghodu;
2/4/2000 lin-numru 639182131828 fit-3.28 ta' filghodu;
8/4/2000 lin-numru 639182131828 fl-3.41 ta' filghodu u tlett telefonati ohra wara xulxin lill-istess numru;
14/4/2000 lin-numru 639182131828 fit-3.16 ta' filghodu;
14/4/2000 lin-numru 639182131828 fit-3.26 ta' filghodu;
21/4/2000 lin-numru 639182131828 fit-3.25 ta' filghodu;

F'dan ir-rigward hemm telefonati ohra u rendikont ta' liema nghata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell (ara paragrafu **a** fol. 115). Jidher ghalhekk li implicitament l-ewwel qorti accettat li fir-restaturant kienu qeghdin isiru telefonati f'hinijiet fit-tard matul il-lejl gialadarba l-ispejjez relatati maghhom ma tnaqqsux mill-hlas dovut lill-appellanti. Dan minkejja li l-appellat ressaq bhala xhieda lil tnejn min-nies li kienu jahdmu mieghu[2] kif ukoll lil martu Katy Mercieca dwar il-hin li fih kien jaghlaq ir-restaurant.

2. Hemm telefonati ohra li kienu jsiru barra minn Malta li wkoll kienu jdumu, u li l-ewwel qorti ma naqsitx mill-hlas li talbet l-appellanti. Hekk per ezempju:-

3/3/2000 lin-numru 19405490613 li damet 54 minuta.

---

[1] Ara rendikont a fol. 29-53.
[2] Ronald Debrincat (fol. 93) u Janet Grech (fol. 97) li qalu li r-restaurant kien jinghalaq bejn nofs-il lejl u s-siegha ta' filghodu u l-appellat kien iwassalhom id-dar.

4/3/2000 lin-numru 19405490613 li damet 52 minua.
15/3/2000 lin-numru 41718771202 li damet iktar minn 37 minuta.
7/4/2000 lin-numru 411320033 li damet iktar minn 55 minuta.

3. Hemm telefonati lin-numru 63524875822 li saru matul il-gurnata, cjoe' f'hinijiet li li m'huwiex kontestat li r-restaurant kien miftuh. Hekk per ezempju:-

24/3/2000 fl-16.26;
29/3/2000 fis-18.23;
31/3/2000 fil-17.16;
1/4/2000 fis-18.26;
7/4/2000 fil-17.14;

Dan hu l-istess numru tat-telefon li fir-rigward tieghu l-ewwel qorti naqset l-ispejjez tat-telefonati li saru *"f'dawk is-sighat bikrin ta' filghodu"* (kliem tal-ewwel qorti). Rendikont ta' dan inghata mill-appellanti fir-rikors tal-appell (ara paragrafu **c** fol. 119).

4. Hu minnu li hemm telefonati li saru lin-numru 63524875822 fi spazju qasir. Pero kif tajjeb osservat l-appellanti, dan jidher fuq numri ohra li l-appellat inzamm responsabbli li jhallas mill-ewwel qorti (ara fol. 124-127).

5. Jidher li l-kontijiet meritu tal-kawza huma ghall-perjodu bejn il-31 ta' Dicembru 1999 u 31 ta' Awissu 2000. L-ispiza ta' telefonati fuq mobile u ghall-esteru kienet[3], ghax-xahar:-

Jannar 2000 ……………………..Lm39.52;
Frar 2000 ………………………...Lm33.64;
Marzu 2000 ……………………..Lm428;
April 2000………………………...Lm2,255.20;
Mejju 2000………………………..Lm242.25;
Gunju 2000………………………..Lm51.96;
Lulju 2000…………………………Lm38.65;
Awwissu 2000……………………Lm60.59;

[3] Ara nota u dokumenti annessi prezentati fit-22 ta' Gunju 2005 a fol. 28 et seq.

Jirrizulta li fid-19 ta' Mejju 2000 sar pagament ta' Lm545.44[4]. Jekk wiehed jirreferi ghall-*itemised bill* dan kien pagament li jirreferi ghat- telefonati li l-parti kbira taghhom saru lejn l-esteru. Fil-fatt fil-kont tal-1 ta' April 2000 (fol. 57) jinghad li s-somma ta' Lm428.11 kienet dovuta ghall-telefonati internazzjonali. F'Awwissu 2000 sar pagament iehor ta' Lm545.44 permezz ta' cekk, li jinghad li ma ssarrafx (fol. 20). L-appellat qatt ma kkontesta dak dikjarat fid-Dokument JA4 a fol. 20. Il-pagament fih innifsu hu indizju car li l-appellat kien qieghed jircievi kontijiet tat-telefon, li jinkludu l-ispejjez relatati ma' telefonati lejn l-esteru. Hekk per ezempju fil-kont tas-6 ta' Gunju 2000 (fol. 58) is-somma ta' Lm2,255.21 hi dovuta ghall-telefonati barra minn Malta matul il-perjodu ghax-xahar ta' April 2000. Mill-provi ma rrizultax li l-appellat kien oggezzjona li l-kontijiet huma ezagerati peress li ma kienx icempel barra minn Malta. Il-hlas hu fih innifsu indikazzjoni li l-appellat kien qieghed jaccetta l-kontijiet tat-telefon. Jekk kif qal l-appellat ma kienx icempel barra minn Malta, x'wasslu biex jaghmel hlasijiet ? L-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni. Inoltre l-fatt li c-cekk mahrug f'Awissu 1999 ma ssarrafx m'ghandux rilevanza in kwantu l-qorti temmen li kieku l-appellat kien qieghed jikkontesta l-kont ma kienx johrog ic-cekk.

F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-appellat ma –

i. Kienx kredibbli meta qal li qatt ma cempel barra minn Malta;
ii. Rnexxielux jipprova li dan kien kaz ta' persuna li dahlet *"b'mod klandestin fuq din il-linja minn x'imkien barra r-restaurant fejn kien installat dan is-servizz"*[5].

Li l-qorti ma tifhimx hu kif fil-kont tat-2 ta' Lulju 2000 kienet regghet zdiedet is-somma ta' Lm545 (fol. 59), pagament li Joseph Azzopardi (ufficjal tas-socjeta appellanti) stess qal

[4] Fid-dokument prezentat mill-appellanti jinghad: *"Previous payment made on 19/05/2000 Lm545.44"* (fol. 20).
[5] Ara pagna 3 tas-sentenza tal-ewwel qorti.

li sar fid-19 ta' Mejju 2000[6]. Fil-fatt fil-kont tas-6 ta' Gunju 2000 (fol. 58) jinghad li mill-ahhar kont tal-1 ta' April 2000 kienet dovuta s-somma ta' Lm611.77 (ara wkoll dak il-kont a fol. 57) u li dik is-somma thallset. Ghalhekk meta ntbaghat il-kont tal-1 ta' Gunju 2000 ma kienx hemm arretrati dovut. L-appellanti ma tat l-ebda spjegazzjoni. Fil-kontijiet il-qorti ma ratx tnaqqis ta' €1,270.53 (Lm545) ghall-pagament li skond id-dokument JA4 (fol. 20) sar fid-19 ta' Mejju 2000. Ghalhekk dan ser jitnaqqas mill-ammont reklamat mill-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda thassar is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012 u filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni qeghda tikkundanna lill-appellat sabiex ihallas lill-appellanti s-somma ta' sebat elef tlett mija u tnejn u sittin ewro u sittax-il centezmu (€7,362.16), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza (8 ta' Lulju 2003) u bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-appellat u 15% a karigu tal-appellanti**.

[6] Ara deposizzjoni fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2004 (fol. 10-15). Ara wkoll id-dokument a fol. 20 fejn m'hemmx notament simili ghal dak tat-8 ta' Awissu 2000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------